MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 369/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet tal-15 ta' Marzu 2010 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-12/03/2002, u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi dan iz-zwieg tfarrak minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat fosthom abbandun, swat u eccessi;

Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Civili) Nota Nru. 1529/09;

Illi l-esponenti tghix gewwa dar bil-kera 11, Triq Nazzareno, Paola;

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi B u D tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid adulterju, swat u abbandun u eccessiv u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibli u ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment, liema ragunijiet huma imputabbli lill-intimat;

Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara ukoll illi l-intimat huwa hati tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili l-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827, kif ukoll dak kollu li jkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu, kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun konsiderata li minnha jkun hati tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess konvenut;

Tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B u D u taqsam u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet okkorrendi bin-nomina tal-perit sabiex ifassal pjan ta' qasma.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi ghall-assenti C D.

Rat ir-risposta tal-imsemmija kuraturi fejn dawn eccepew:

Illi f'dan l-istadju, huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom l-indirizz u/jew numru tat-telephone tal-intimat sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi l-attrici f'din il-kawza qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn ma' zewgha. L-unika prova li ngabet f'din il-kawza kien affidavit xott xott tal-attrici. L-unika fatt li setghet tislet minnu din il-Qorti huwa li z-zwieg fil-fatt tfarrak irrimedjabilment u dan minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel. Ma ngabu lill-Qorti ebda provi dwar assi li jistghu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk l-unika provvediment li ser taghti din il-Qorti fir-rigward huwa dwar il-kirja tad-dar fejn tghix l-istess rikorrenti. Fil-fehma tar-rikorrenti din ghandha tigi assenjata lir-rikorrenti mara.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel;

2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti b'dana illi l-kirja tad-dar 11, Triq Nazzareno, Paola, tigi assenjata lill-mara.

3. Tapplika fil-konfront tar-ragel l-effetti tal-Art. 48 tal-Kap. 16.

L-ispejjez jithjallsu minn C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------